



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 23.11.2007  
COM(2007)740 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U  
LILL-KUNSILL**

**Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju**

**Memorandum ta' Spjegazzjoni komuni għall-proposti ta' emenda ta' l-atti li jridu jiġu  
adottati għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-  
proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-  
Kummissjoni, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U  
LILL-KUNSILL**

**Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju**

*Memorandum ta' Spjegazzjoni komuni għall-proposti ta' emenda ta' l-atti li jridu jiġu  
adottati għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-  
proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni,  
kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006*

Test b'rilevanza għaż-ŻEE

Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tippreżenta Memorandum ta' Spjegazzjoni komuni għall-proposti kollha ta' emenda ta' l-atti li għandhom ikunu adattati għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, kif jirriżulta mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/512/KE U L-PROĊEDURA L-ĠDIDA REGOLATORJA BI SKRUTINJU**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>1</sup>, ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006<sup>2</sup>.

L-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE emendata jintroduċi proċedura regolatorja ġdida bi skrutinju għall-miżuri b'ambitu ġenerali li għandhom l-għan li jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' att bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inkluż li jiġihassru xi wħud minn dawn l-elementi jew li jiġi kkomplementat l-att bl-addizzjoni ta' elementi ġodda mhux essenzjali.

### **2. ALLINJAMENT PRIJORITARJU**

B'dikjarazzjoni konġunta<sup>3</sup>, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni elenkaw lista ta' atti bażiċi li l-adattament tagħhom għad-Deċiżjoni emendata kien urġenti sabiex tiġi introdotta l-proċedura regolatorja l-ġdida bi skrutinju (allinjament prijoritarju). Il-lista ta' l-atti bażiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-allinjament prijoritarju hi mogħtija mill-ġdid fil-Kumunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2006<sup>4</sup>.

Il-Kummissjoni diġà ppreżentat ukoll il-proposti kollha dwar l-allinjament prijoritarju. Dawn kienu qed jiġu eżaminati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill minn Diċembru 2006. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza ta' adozzjoni rapida tal-proposti u tenfasizza l-ħtieġa li l-kriterji stipulati fid-Deċiżjoni 199/468/KE kif riveduti f'Lulju 2006 jiġu applikati b'mod rigoruż u koerenti.

### **3. ALLINJAMENT ĠENERALI**

Sabiex il-proċedura regolatorja bi skrutinju tista' tkun applikabbli għall-atti l-oħra adottati b'kodeċiżjoni diġà fis-seħħ meta d-Deċiżjoni 2006/512/KE daħlet fis-seħħ, id-dikjarazzjoni konġunta titlob ukoll l-adattament ta' dawn l-atti, b'konformità mal-proċeduri applikabbli (allinjament ġenerali). F'dikjarazzjoni li ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali<sup>5</sup>, il-Kummissjoni impenjat lilha nfisha li teżamina dawn l-atti kollha, sabiex tadattahom, jekk meħtieġ, għall-proċedura regolatorja l-ġdida bi skrutinju. Il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tippreżenta proposti leġiżlattivi b'dan l-għan qabel l-aħħar tas-sena 2007.

Fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni konġunta, it-tliet istituzzjonijiet għarfu wkoll li l-prinċipji ta' leġiżlazzjoni tajba jeħtieġu li l-kompetenzi ta' implimentazzjoni jingħataw lill-Kummissjoni mingħajr limitu ta' żmien. Din hi r-raġuni għala l-Kummissjoni approfittat mill-

<sup>1</sup> ĠU C 203, 17.7.1999, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.

<sup>3</sup> ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

<sup>4</sup> COM(2006) 900 finali.

<sup>5</sup> PE 376.314v01-00 – A6-0236/2006 (dikjarazzjoni annessa mar-rapport tal-Parlament)

allinjament prijoritarju biex tipproponi li tabroga, meta dawn jeżistu, id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-atti li jillimitaw it-tul ta' żmien għad-delega tal-kompetenzi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tipproċedi bl-istess mod fl-ambitu ta' l-allinjament ġenerali ta' l-atti bażiċi l-oħra, meta dawn l-atti jkollhom dispożizzjonijiet ta' din ix-xorta li jillimitaw it-tul ta' żmien għad-delegi tal-kompetenzi ta' implimentazzjoni.

#### **4. KONTENUT TA' L-ADATTAMENT.**

L-adattament għandu l-għan li jintroduċi fl-atti fis-seħħ il-proċedura regolatorja bi skrutinju, kif inhi organizzata mill-Artikolu 5a tad-Deċizzjoni 1999/468/KE emendata.

F'dan l-ambitu, l-adattament jista' jkollu, jekk dan jidher iġġustifikat fir-rigward notevolment tan-natura tal-miżuri maħsuba, dispożizzjonijiet relattivi għall-estensjoni jew għar-reduzzjoni tat-tul ta' żmien normalment applikabbli fl-ambitu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, b'konformità mal-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 5a kkwotat hawn fuq.

L-applikazzjoni eventwali tal-proċedura ta' urġenza tista' wkoll tiġi prevista, jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan, b'konformità mal-paragrafu 6 ta' l-Artikolu 5a kkwotat hawn fuq.

#### **5. METODU MAGĦŻUL GĦALL-ADATTAMENT.**

Il-Kummissjoni wettqet eżami bir-reqqa ta' l-istrumenti kollha adottati bil-proċedura ta' kodeċizzjoni sabiex jiġu identifikati dawk li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' ambitu ġenerali bil-għan li jiġu emendati elementi mhux essenzjali ta' l-istrument bażiku kkonċernat. Il-Kummissjoni għalhekk setgħet tidentifika iktar minn 200 att li għandu jiġi adattat.

Minbarra l-istrumenti li jaqgħu fil-programm ta' kodifikazzjoni jew li huma s-suġġett ta' emenda leġislattiva ta' ambitu li jmur lil hinn minn aspetti komitoloġiċi biss, l-adattament se jsir permezz ta' l-hekk imsejħa regolamenti ta' emendar "omnibus". Kull regolament se jiġbor flimkien u jemenda simultanjament bosta għexieren ta' strumenti. L-għan ta' dan il-metodu hu li jiżgura li l-allinjament isir b'mod razzjonali u konsistenti. Dan il-metodu jħeġġeġ eżami iktar rapidu u effettiv mill-koleġislaturi u jiffaċilita trattament konsistenti u orizzontali. Billi l-kontenut ta' l-istrument bażiku ma nbidilx, permezz ta' dan il-metodu wieħed jista' jikkonċentra fuq l-aspetti legali tat-testi.

Billi l-applikazzjoni tal-proċedura regolatorja l-ġdida bi skrutinju tobdi l-istess regoli, indipendentement mis-suġġett ikkonċernat, dawn ir-regolamenti jkopru oqsma differenti. Se jiġu adottati kollha skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Madankollu, l-istrumenti bażiċi adottati fl-applikazzjoni tat-Titolu IV tal-Parti III tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea se jinġabru flimkien f'regolament separat li jemenda, sabiex jitqiesu d-dispożizzjonijiet speċjali li japplikaw għad-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda f'dan il-qasam skond il-protokollu dwar il-pożizzjoni ta' dawn il-pajjiżi annessi mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

## **6. LISTA TA' L-ATTI BAŻIĊI KKONĊERNATI MILL-ALLINJAMENT ĠENERALI.**

### **6.1. Lista ġenerali.**

Il-lista ta' l-atti li jridu jiġu adattati fil-proċedura regolatorja l-ġdida bi skrutinju bir-regolamenti “omnibus” qed tingħata hawn taħt. L-atti biss li jidhru f'din il-lista huma kkonċernati b'dan l-eżerċizzju ta' allinjament ġenerali.

Il-Kummissjoni tirriżerva l-possibbiltà li tagħmel emendi eventwali.

### **6.2. Lista ta' l-atti li qed issirilhom kodifikazzjoni.**

Fost l-atti li jeħtiġilhom li jiġu adattati għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, ċerti atti jidhru fil-programm ta' kodifikazzjoni tal-Kummissjoni.

L-adattament ta' dawn l-atti għall-proċedura l-ġdida se ssir, jew b'emenda leġislattiva, jew b'konverżjoni tal-proposta kkodifikata b'kitba mill-ġdid, skond il-progress tal-proċess ta' kodifikazzjoni. Lista ta' l-atti sottomessi għal waħda jew l-oħra minn dawn il-proċeduri qed tidher hawn taħt.

### **6.3. Lista ta' l-atti l-oħra li għandhom jiġu adattati.**

Fl-aħħarnett qed tiġi mogħtija hawn taħt lista ta' l-atti bażiċi li huma kkonċernati mill-adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, iżda li l-adattament tagħhom, jista' jew jidher fl-ambitu ta' emenda sostanzjali ta' l-att bażiku, li tmur lil hinn mill-aspetti tal-komitoloġija biss, jew inkella jsir inutli permezz ta' l-abrogazzjoni tiegħu.

**ANNEX**

**LISTA 1 – LISTA ĠENERALI**

QQSMA	ATTI	Dati
AGRI	Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam ma' l-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra	1999-02-22
AGRI	Id-Direttiva 2000/36/ke tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2000 rigward il-prodotti mill-kawkaw u miċ-ċikkulata maħsuba għall-konsum mill-bniedem	2000-06-23
ECHO	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 ta' l-20 Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja	1996-06-20
EMPL	Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE, tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol	1989-06-12
EMPL	Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti	1992-03-31
EMPL	Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/44/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni)	2002-06-25
EMPL	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/10/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-esposizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss)	2003-02-06
EMPL	Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/40/KEE tal-4 fuq il-ħtiġijiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward ta' l-esposizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampj elettro-manjetiċi)	2004-04-29
EMPL	Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/25/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika artifiċjali)	2006-04-05

ENTR	Id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE ta' 1-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-aerosol dispensers	1975-05-20
ENTR	Id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi	1976-07-27
ENTR	Id-Direttiva tal-Kunsill 76/767/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' dispożizzjonijiet għal tankijiet taħt pressjoni u metodi ta' l-ispezzjoni tagħhom	1976-07-27
ENTR	Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili	1993-04-05
ENTR	Id-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni	1994-06-16
ENTR	Id-Direttiva 96/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar ċerti metodi għall-analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' żewġ fibri tat-tessut	1996-12-16
ENTR	Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għal miżuri kontra l-emissjoni ta' pollutanti gassużi u ta' partikolati minn inġenji ta' kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq	1997-12-16
ENTR	Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in	1998-10-27
ENTR	Id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003	1999-03-09

ENTR	Id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi	1999-05-31
ENTR	Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni	1999-12-16
ENTR	Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-emissjoni tal-ħsejjes fl-ambjent minn taġmir użat barra	2000-05-08
ENTR	Id-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrelataw għall-implimentazzjoni ta' Prattika korretta ta' klinika fit-twettiq ta' provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem	2001-04-04
ENTR	Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji	2001-11-06
ENTR	Id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Maru 2002 li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE <sup>6</sup>	2002-03-18

<sup>6</sup> L-allinjament tad-Direttiva 2002/24/KE taffettwa l-atti legali li ġejjin: id-Direttiva tal-Kunsill 93/14/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 93/29/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 93/30/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 93/31/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 93/32/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 93/33/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 93/34/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 93/92/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 93/93/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 93/94/EEC, id-Direttiva 95/1/EC, id-Direttiva 97/24/EC, id-Direttiva 2000/7/EC.



ENTR	Id-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jinġibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati tekniċi u li tirrevoka d-Direttiva 74/150/KEE <sup>7</sup>	2003-05-26
ENTR	Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti	2003-10-13
ENTR	Id-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u l-verifikazzjoni ta' Prattika tajba ta' laboratorju (PTL)(verżjoni kodifikata)	2004-02-11
ENTR	Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' Prattika tajba ta' laboratorju u l-verifikazzjoni ta' l-applikazzjoni tagħhom għal testijiet fuq sustanzi kimiċi	2004-02-11
ENTR	Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-diterġenti	2004-02-11
ENTR	Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-diterġenti	2004-03-31
ENTR	Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	2004-03-31
ENTR	Id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl	2004-03-31
ENTR	Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE	2006-05-17

<sup>7</sup> L-allinjament tad-Direttiva 2003/37/KE taffettwa l-atti legali li ġejjin: Id-Direttiva tal-Kunsill 74/151/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 74/152/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 74/346/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 74/347/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 75/321/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 75/322/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 76/432/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 76/763/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 77/311/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 77/536/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 77/537/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 78/764/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 78/933/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 79/532/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 79/533/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 79/622/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 80/720/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 86/297/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 86/298/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 86/415/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 87/402/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 89/173/EEC, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/25/EC.

ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 76/160/KEE tat-8 ta' Diċembru 1975 li tikkonċerna l-kwalità ta' l-ilma għall-għawm	1975-12-08
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 82/883/KEE tat-3 ta' Diċembru 1982 dwar il-proċedura għas-sorveljnza u l-monitoraġġ ta' l-ambjenti ikkonċernati bl-iskart ta' l-industrija tad-dijossidu tat-titanju	1982-12-03
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent, u b'mod partikolari dwar il-ħamrija, meta materjal tad-dranaġġ jintuża fl-agrikoltura	1986-06-12
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar trattament ta' ilma użat urban	1991-05-21
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agricoli	1991-12-12
ENV	Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/63/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili (VOC) li jirriżultaw mill-ħżin tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet tas-servizz	1994-12-20
ENV	Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ	1994-12-20
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT)	1996-09-16
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi	1996-12-09
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KEE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.	1998-11-03
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi u li temenda d-Direttiva 93/12/KEE	1999-04-26
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KEE tas-26 ta' April 1999 dwar il-landfill ta' l-iskart	1999-04-26

ENV	Id-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-CO2 rigward il-marketing ta' karożżi tal-passiġġieri ġodda	1999-12-13
ENV	Ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu	2000-06-29
ENV	Id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart	2000-12-04
ENV	Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi ta' l-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi	2001-10-23
ENV	Id-Direttiva 2000/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali	2002-06-25
ENV	Ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċjabilità u l-ittikkettjar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċjabilità ta' prodotti ta' l-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE	2003-09-22
ENV	Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE	2003-10-13
ENV	Id-Direttiva 2004/42/CE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' komposizzjonijiet organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'Ċertu Żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mill-ġdid ta' vetturi u li jemenda d-Direttiva 1999/13/EC	2004-04-21
ENV	Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE	2004-04-29
ENV	Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali	2004-12-15

ENV	Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE	2006-01-18
ENV	Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità ta' l-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE	2006-02-15
ENV	Id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE	2006-03-15
ENV	Ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati	2006-05-17
ENV	Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart	2006-06-14
ENV	Id-Direttiva 2006/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Settembru 2006 dwar il-kwalità ta' l-ilma ħelu li għandu bżonn protezzjoni jew titjib sabiex tkun sostnuta l-ħajja tal-ħut	2006-09-06
ENV	Id-Direttiva 2006/113/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski	2006-12-12
ESTAT	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar it-twaqqif ta' sħarriġ fil-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali	1991-12-19
ESTAT	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 Marzu 1993 dwar l-unitajiet ta' l-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità	1993-03-15
ESTAT	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur	1995-10-23
ESTAT	Id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE tat-23 ta' Novembru 1995 dwar il-ġbir ta' l-informazzjoni statistika fil-qasam tat-turiżmu	1995-11-23
ESTAT	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 fuq sħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib	1996-03-19

ESTAT	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' sfharrig ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità	1998-03-09
ESTAT	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir	1998-05-19
ESTAT	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol	1999-03-09
ESTAT	Id-Direttiva 2001/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jitwettaq mill-Istati Membri sabiex jiġi ddeterminat il-potenzjal tal-produzzjoni ta' pjantazzjonijiet ta' xi speċje ta' siġar tal-frott	2001-12-19
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija	2002-12-16
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, l-merkanzija u l-posta bl-ajru	2003-02-27
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-parlament ewropew u tal-kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol	2003-02-27
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS)	2003-05-26
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2003 jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien (UE-SILC)	2003-06-16
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 48/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-produzzjoni ta' statistika Komunitarja annwali rigward l-industrija ta' l-azzar għas-snin ta' riferenza 2003 - 2009	2003-12-05
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni	2004-04-21

ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikolutra fil-Komunità	2004-12-05
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f' servizzi u investiment dirett barrani	2005-01-12
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 1161/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-kumpilazzjoni ta' kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali	2005-07-06
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi	2005-09-07
INFSO	Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi	1999-12-13
INFSO	Ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' April 2002 dwar l-implimentazzjoni ta' .eu Top Level Domain	2002-04-22
JLS	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali	2000-12-22
JLS	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali	2001-05-28
JLS	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz	2003-02-18
JLS	Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati	2004-04-21
MARKT	Ir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV)	2002-11-05

MARKT	Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali	2004-03-31
MARKT	Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi	2004-03-31
MARKT	Id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri	2004-04-21
MARKT	Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professjonali	2005-09-07
SANCO	Id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KE tat-2 ta' April 1979 dwar il-marketing ta' għalf kompost	1979-04-02
SANCO	Id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 dwar ċerti prodotti użati fin-nutrizzjoni ta' l-animali.	1982-06-30
SANCO	Id-Direttiva tal-Kunsill 89/108/KEE tal-21 ta' Diċembru, 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti ta' l-ikel iffriżati malajr għal konsum mill-bniedem	1988-12-21
SANCO	Id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE ta' l-24 ta' Settembru 1990 dwar l-ittikkettar tan-nutrizzjoni għall-oġġetti ta' l-ikel	1990-09-24
SANCO	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabblixi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel.	1993-02-08
SANCO	Id-Direttiva tal-Kunsill 93/74/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 dwar għalf maħsub għal għanijiet nutrizzjonali partikolari.	1993-09-13
